MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 787/2008

**Spiridione sive Dione Bartolo u martu MaryTania Bartolo**
**(ID's rispettivi – 679061(M) u 510464(M))**

**Vs**

**Beverly Ann Ashworth u Lisa Jane Pendlebury**
**(ID's rispettivi 0033441(M) u 0033442(M))**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u sitta u sebghin Euro (€1,276.00), rapprezentanti somma ta' bilanc dovut tal-kera u l-konsum tad-dawl u ilma kkonsmat minnhom meta kienu fil-kirja tal-appartament Flat 2, 'San Giovanni Flats', Triq s-Saghtar, Mellieha liema kont tad-dawl u ilma ghax-xhur Frar sa Lulju, 2008 u dan kif ser jigi pruvat tul is-smigh tal-kawza.

Illi hemm ukoll bilanc zghir tal-kera dovuti lill-atturi.

Illi l-ammont komplessiv dovut huwa ta' €1,276.00.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet premessi u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu s-somma ta' elf, mitejn u sitta u sebghin Euro (€1,276.00), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------